**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 652/2017 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Anthony u Frances mizzewgin Caruana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 31 ta' Jannar 2008 in atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri (Dok. "A") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Anthony u Frances mizzewgin Caruana.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Anthony u Frances mizzewgin Caruana fis-somma ta' sittin elf, mitejn u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€60,240.79) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" ta' Anthony u Frances mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa

B6") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-25 ta' Jannar 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

L-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Anthony u Frances mizzewgin Caruana gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2015, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "C" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lil Anthony u Frances mizzewgin Caruana ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' sittin elf, mitejn u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€60,240.79) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" ta' Anthony u Frances mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B6") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-25 ta' Jannar 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2015 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' Anthony Caruana u Frances Caruana li permezz taghha huma ammettew it-talbiet tal-Bank rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkundanna lil Anthony u Frances mizzewgin Caruana ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' sittin elf, mitejn u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€60,240.79) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" ta' Anthony u Frances mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c., bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors guramentat.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Anthony u Frances mizzewgin Caruana.

IMHALLEF

DEP/REG